Is-Sur Albert Debono
Kap Esekuttiv
PBS Ltd.
St Luke's Road
G'Mangia

10 ta' Novembru 2007
Ref 13/91

Għażiż Sur Debono,

**_Bondi Plus_ tat-12 ta' Novembru 2007**

L-Awtorita' tax-Xandir ikkunsidrat it-talba li għamlilha l-istazzjon TVM sabiex is-suġġett li kien se jindirizza l-programm *Bondi Plus* nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru 2007, jiġifieri l-partit il-ġdid Azzjoni Nazzjonali, jinbidel u minflok jittella' programm dwar l-allegazzjonijiet li saru dan l-aħħar li fil-proċeduri mediċi li saru fl-isptar Mater Dei ma kienux ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jissalvagwardjaw is-saħħa tal-pazjent. Fl-istess ħin, l-Awtorita' nnutat il-kontenut ta' *media release* maħruġa mid-Deputat Dr Michael Farrugia, Kelliem Ewlieni Laburista dwar is-Saħħa, fejn, fost ħwejjeġ oħra, il-kelliem stqarr li ma kienx qed jilqa' t-talba li saritlu sabiex jipparteċipa fil-programm f'isem il-Partit Laburista u ssuġġerixxa wkoll li l-programm m'għandux jittella' fuq l-istazzjon.

Wara li qiset iċ-ċirkustanzi kollha, l-Awtorita' deherilha li f'dan il-każ partikolari ma kienux jeżistu xi ċirkustanzi eċċezzjonali għalfejn l-Awtorita' m'għandhix tapprova l-bidla fis-suġġett mitlub. B'danakollu, l-Awtorita' trid tesprimi l-preokkupazzjoni tagħha li:

- minn seba' edizzjonijiet tal-programm *Bondi Plus* li kienu skedati minn meta beda l-istaġun tax-xandir kurrenti, l-istazzjon diġa' għamel talba lill-Awtorita' f'erba' okkażjonijiet sabiex jinbidlu s-suġġetti antiċipati tal-programmi ma' suġġetti oħra li kollha jindirizzaw kontroversja politika, dan apparti programm ieħor li kien jinvolvi l-parteċipazzjoni tal-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Kif diġa' osserva l-Bord Editorjali tal-PBS Ltd. f'okkażjoni separata, programm ta' ġrajjiet kurrenti fuq l-istazzjon pubbliku m'għandux jiffoka prinċipalment fuq suġġetti ta' kontroversja politika, aktar u aktar meta' diġa' teżisti doża qawwija ta' dawn it-tip ta' programmi fuq l-istazzjonijiet politiċi

- mhux ċar għall-Awtorita' kif u minn min qed tittieħed id-deċiżjoni dwar is-suġġetti li qed jittellgħu f'dan il-programm u dan anke in vista tal-fatt li jidher li ċerti suġġetti mhumiex qed jintagħżlu bl-aktar mod oġġettiv

L-Awtorita' trid tagħmilha ċara wkoll li l-obbligu kostituzzjonali ta' imparzjalita' fix-xandir pubbliku ma tieqafx meta wieħed mill-mistiedna jagħżel li ma jieħux parti u għalhekk, f'dan il-każ, il-preżentatur jibqagħlu l-obbligu li jagħmel kull sforz sabiex jippreżenta l-programm bl-aktar mod imparzjali. F'dan il-kuntest, l-Awtorita' trid tfakkar lill-istazzjon fl-obbligi relevanti li jimponu l-Ħtiġijiet dwar Standards u Prattika ta' l-2007 li japplikaw għal Bullettini ta' l-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti u ċjoe':

- l-bżonn li l-preżentatur jadddotta atteġjament imparzjali matul il-programm kollu

- il-ħtieġa tal-preżentatur, meta mistieden ma jkunx aċċetta li jipparteċipa, li "*bl-aktar mod normali u kemm jista' jkun distakkat, għandu jagħmel referenza sempliċi għal dak li naqas jidher fil-programm u l-preżentatur għandu safejn ikun prattikabbli jgħid x'inhuma l-opinjonijiet tal-mistieden jew ta' l-organizzazzjoni tiegħu jew tagħha dwar is-suġġett li jkun qed jiġi diskuss dment li dik l-opinjoni tkun magħrufa*."

  F'dan il-kuntest l-istazzjon għandu jinnota li l-Kelliem Ewlieni Laburista dwar is-Saħħa ġa' ħareġ numru ta' stqarrijiet fuq is-suġġett

- Il-ħtieġa li l-istazzjon għandu jiżgura wkoll illi fl-editjar ta' intervisti għandha tirbaħ l-imparzjalita' u l-ħaqq. Intervisti rekordjati ma għandhomx jitgħawġu bl-editjar b'tali mod li tinħareġ minnhom tifsira ħażina ta' dak li jkun qal l-intervistat.

Il-Kap Esekuttiv javża li se jkun qed isegwi l-programm u f'każ ta' ksur tal-proviso għall-artikolu 13(2)(f) ta' l-Att dwar ix-Xandir li jitratta l-ħtieġa ta' l-imparzjalita', tinħareġ akkuża kontra l-istazzjon skond il-proċedura stabbilita.

Inselli għalik,

Dr Simon Manicolo
Aġent Segretarju